# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 57 – IT-TNEJN 17 TA' OTTUBRU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 56

1.1 Is-Sindku propona emenda dwar para. 2.2 fejn għandha tinbidel il-kelma Msierah ma' Ġebel Dwejra. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.2 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 56 u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 56

2.1 Is-SE infurmat li matul dik il-ġimgħa kellha laqgħa dwar l-installazzjoni tas-CCTV's. Filwaqt li skużat ruħha li ma rnexxielhiex tiltaqa' mar-rappreżentant tagħhom qabel il-laqgħa minħabba pressjoni ta' xogħol, b'mod speċjali minħabba l-attività ta' Military Mtarfa, hija infurmat li kienet se tagħti aktar informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

2.2 Fir-rigward ta' para. 2.5 dwar Military Mtarfa, is-SE infurmat li għalkemm kien hemm xi *teething problems* qabel l-attività, din marret tajjeb ħafna b'mod ġenerali. Is-Sindku qal li kellu *feedback* tajba u rringrazzja lil kull min ta sehmu fiha.

2.3 Is-SE infurmat li wara numru ta' laqgħat mal-kumitat organizzattiv tal-Malta Classic dawn aċċettaw li d-dħul lejn l-Imtarfa jibqa' miftuħ. Fil-fatt ma kien hemm ebda lmenti mingħand ir-residenti ħlief għaliex l-ittra waslet fil-ġurnata tal-attività. Is-SE infurmat li kienu aċċettaw li jgħinu lill-Kunsill b'mod finanzjarju għall-iskariġġ li jkun hemm minħabba din l-attività għalkemm ma kinux għadhom infurmawha kemm se jkun.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li d-data tal-ħarġa tar-residenti għar-Redentur tal-Isla kien se jkollha tinbidel għall-21 ta' Novembru minħabba li l-Kappillan tal-Isla ma setgħax ikun prezenti fil-ġurnata proposta.

3.2 Huwa informa wkoll li l-għada t-Tlieta 22 ta' Novembru kienet se tinzamm il-ħarġa tal-monti.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 5. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

5.1 Hawnhekk kien hemm diskussjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied u ġew deċizi dawn id-dati: l-ikla tal-Milied għall-komunità għandha ssir nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru flgħaxija; l-għada l-Ħadd 11 ta' Diċembru ġurnata Għawdex għall-presepju ħaj. L-attività tal-anzjani bil-kollaborazzjoni tad-Dar tal-Anzjani għandha tinzamm bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena bħas-soltu. Il-festini tat-tfal se jerġgħu jinzammu fl-istess ħin u ġurnata, nhar l-20 ta' Diċembru fuq l-istess linji tas-sena li għaddiet.

## 6. PUNTI OĦRA

6.1 Is-SE infurmat li hemm attività ta' *team building* nhar it-18 ta' Novembru u l-Kunsilliera kollha huma mistiedna jipparteċipaw. Aktar informazzjoni ntbagħtet permezz tal-*email*.

6.2 Il-Kunsillier Fenech talab li ssir *crash barrier* fil-kantuniera ta' ħdejn il-bandli. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil TM.

6.3 Il-Kunsillier Fenech informa li fi Triq l-Orkidea u Triq Santa Luċija qed joħorġu l-borza s-sewda fil-ġurnata l-ħazina. Kien hemm qbil li r-residenti għandhom jiġu mfakkra kif u meta għandhom joħorġu l-iskart tagħhom.

## 7. AĠĠORNAMENT

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-5:15pm. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fis-7:30pm.

__________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

__________________________

**Daniel John Attard**
**Sindku**